# Żewġ Palelli

## minn Wayne Farrugia

Ħriġt darba bid-dgħajsa,
nitbandal mal-mewġ ħlejju
induq mill-kenn ħiemed
li jaf joffri Port ġensi.
U naqdef, naqdef
sa ma nilħaq l-orizzont
fejn hemm xemx l-għaxqa
tistennieni biex tbenninni
fi ħdanha fis-sħana.

Il-pruwa bdiet tofroq qajl, qajl
mewġ kiefer għatxan,
biex jiblagħni fl-abbissi
t'inkwiet kexkiexi setgħan.
U miegħi kelli żewġ palelli,
waħda timxi f'binarju mal-oħra
moħħhom biex iwassluni
fil-vjaġġ sax-xefaq bgħid.

Mal-ewwel imbatt,
palella minnhom,
bdiet tgħejja,
titlef l-hena
li kellha,

u bdiet titmermer
titwerwer li lili
se tħallini għal riħi.... u telqet mal-kurrent!

Qed nara ż-żugrun fil-qrib,
iżda l-mewġ nissokta ħrax
u għejjiet waħidha taqdef
palella waħdanija
reħiet għal tulha tolfoq
sa nqasmet qalbha f'tnejn.

Issa,
spiċċajt bejn sema u ilma
nitbandal mal-kurrent
imnikket bla palelli,
waħda sfat mitlufa
u l-oħra ġiet miġrufa!